**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019**

**Rikors nru: 351/2019 AGV**

**AB (ID Nru: 289574M) u CD (ID nru: 123476M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet tal- 25 ta' Lulju 2019, fejn il-partijiet ppermettew u pprezentaw is-segwenti;

Illi l-partijiet izewwgu fil- 31 ta'Ottubru 1998, gol-Knisja Parrokkjali tax-Xemxija, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku (ara certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. A).

Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom jghixu flimkien bhala kopja mizzewwga minn Settembru 2014, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi l-partijiet isseparaw legalment b' kuntratt tan-Nutar Dr. Nicholette Vella datat 10 ta' Lulju 2019 ( ara dokument B).

Illi ma hemm l-ebda arretrai ta' manteniment dovuti ghall-minuri u dana anka konsiderando il-fatt li huma t-tnejn iddikjaraw li huma responsabbli ghall-manteniment tat-tifla meta din tkun mieghu/ maghha fil-waqt li l-partijiet ddekadew ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin u dan skont il-klawzoli numru hamsa u sitta tal-kuntratt tas-seperazzjoni.

Illi dawn l-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

**DECIDE;**

Il-Qorti;

Tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**